**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 475/2016**

**OE ('l-ilmentatur')**

**vs**

***Crystal Finance Investments Ltd.***

**(C26761) ('il-provditur tas-servizz')**

**Seduta tat-18 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra ilment fejn l-ilmentatur fil-qosor jghid:**

Illi huwa kien garrab telf minn investiment li kellu mal-provditur tas-servizz li naqas jaghmel il-verifiki necessarji sabiex jigi identifikat jekk l-ilmentatur ghandux esperjenza u gharfien tat-tip ta' tranzazzjoni li kien ser jaghmel. L-ilmentatur stqarr li dan imur kontra dak li l-provditur tas-servizz kien obbligat li jaghmel *ai termini* ta' *Standard Licence Conditions* applikabbli.

Barra minn hekk, l-ilmentatur sahaq li l-provditur tas-servizz naqas milli jaghmel *assessment* tal-identità tieghu kif ukoll ma giet provduta l-ebda informazzjoni lilu sabiex ikun jista' jifhem in-natura u r-riskji involuti fl-investiment u fl-istrument offrut lilu sabiex tittiehed decizjoni infurmata.

Ghaldaqtant, hekk kif indikat fil-formola tal-ilmenti, l-ilmentatur qed jitlob li:

*"… jithallas lura dik is-somma ta' kapital li intilfet a bazi tal-fatt li gie espressament indikat lilu li l-kapital qatt ma kien ser jintilef."*[1]

[1] A fol. 8

Is-somma mitluba tammonta ghal: *"… sitt elef mitejn u hamsin Ewro (6,250) – RENA GmbH 15.1215; tlett elef disa' mija u erbgha u erbghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (3,944.62) – Scholz AG 8.3.17."*[2]

**Ra r-Risposta tal-Provditur tas-Servizz:**

1. Illi preliminarjament, l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji (l-"**Arbitru**") m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi l-vertenza odjerna billi l-partijiet issottomettew ghal gurisdizzjoni tal-Qrati ta' Malta u dan *ai termini* tal-Artikolu 17 tat-*Terms of Business Agreement* (anness u mmarkat bhala '***Dok CFI1'***) liema artikolu jispecifika bl-aktar mod car illi, '*This Agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts,'* u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu jiddeciedi li jieqaf f'dan l-istadju milli jipprocedi bis-smigh u decizjoni dwar il-mertu ta' dan l-Ilment;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, subordinatament u fil-mertu, l-Ilment u l-allegazzjonijiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox fiergha u infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghaliex f'kull waqt is-Socjetà Esponenti agixxiet kif rikjest mill-qafas regolatorju applikabbli u skont l-oghla livell ta' diligenza mistennija fil-ligi, kif jista', jekk ikun hemm il-htiega, jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

3. Illi fil-mertu l-Ilment u t-talbiet tal-Ilmentatur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-Ilment ma huwiex gustifikat inkwantu huwa car ukoll li:

    a. Kwalunkwe telf li garrab l-Ilmentatur huwa rizultat ta' *Credit Risk*, riskju inerenti ta' investiment f'*bonds* bhal dak li fihom investa l-Ilmentatur

[2] A fol. 8 u a fol. 9

fl-2013, u liema *bonds* kienu, fil-hin meta nghata l-parir lill-Ilmentatur, jghoddu jew *suitable* ghalih; u

b. Ma huwiex minnu li r-reklami li s-Socjetà Esponenti ghamlet fuq l-RTK fl-2013 kienu jindikaw dak li qieghed jigi allegat mill-Ilmentatur. Kif inhuwa rekwizit mir-regoli tal-*Malta Financial Services Authority* dawn ir-reklami kienu jinkludu twissija cara: *"Il-valur tal-investiment jista' jinzel kif ukoll jinzel u l-passat mhux garanzija tal-futur.* ***Il-hlas tal-imghax u l-kapital huwa suggett li bonds li tinvesti fihom jigu onorati minn min harighom."***

U dan kif se jigi ampjament ipprovat waqt is-smigh ta' dan il-kaz;

5. Illi fl-ahhar nett jinghad illi s-Socjetà Esponenti ma thossx illi hemm rimedju ghall-Ilment kif imressaq mir-rikorrenti peress illi l-Ilment mhuwiex gustifikat;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez.

**Sema' lill-partijiet,**

**Ra l-atti l-ohra tal-kaz**

**Jikkunsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari:**

Il-provditur tas-servizz iqajjem l-eccezzjoni li l-Arbitru m'ghandux il-kompetenza jisma' dan l-ilment ghaliex skont it-*Terms of Business Agreement* il-partijiet kienu qablu li *'This agreement is subject to the Laws of Malta and any dispute, which may arise therefrom, shall be subject to the jurisdiction of the Maltese Courts.'*[3]

L-Arbitru qies fit-tul din l-eccezzjoni f'kazijiet ohra simili li kellu l-provditur tas-servizz odjern quddiemu senjalatament, fost l-ohrajn, il-Kaz Nru. 492/2016 deciz fit-28 ta' Marzu 2018, il-Kaz Nru. 487/2016 deciz fit-28 ta' Dicembru 2017, u

[3] A fol 53

ohrajn; u, a skans ta' repetizzjoni, l-Arbitru jagħmel referenza għalihom u l-kontenut tagħhom rigwardanti din l-eċċezzjoni għandu jgħodd għal dan il-każ ukoll.

L-Arbitru jixtieq iżid ukoll li din it-*Terms of Business Agreement* li kienet fi *standard form* u, bi kliem tekniku li qajla l-ilmentatur bħala bniedem li ma kienx jaf jaqra u jikteb sew jifhem, saret fil-31 ta' Jannar 2013, meta l-Uffiċċju tal-Arbitru, li twaqqaf fit-18 t'April 2016, ma kienx għadu jeżisti u, għalhekk, ma setax jiġi eskluż mill-partijiet. Barra minn hekk, l-ilmentatur xehed li dan id-dokument (ta' 15-il paġna)[4] ma ġiex moqri u spjegat lilu, aħseb u ara, kemm ġie diskuss li jekk jinħoloq Uffiċċju tal-Arbitru dan ikun eskluż għaliex kull tilwima kellha tmur quddiem il-Qorti.

Il-leġiżlatur, li kien konxju ta' x'kien qed jiġri f'dan il-qasam, ried li konsumaturi ta' servizzi finanzjarji jingħataw l-opportunità li l-każi tagħhom jistgħu jiġu riveduti minn forum speċjalizzat li huwa entità *ADR,* li toffri t-triq tal-medjazzjoni u l-każ jiġi kkunsidrat fit-termini ta' dak li huwa ġust, ekwu u raġonevoli fiċ-ċirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-każ, 'il bogħod mill-formalità żejda u argumenti legalistiċi li jservu biss biex jiġi ostakolat il-kors tal-ġustizzja. Il-leġiżlatur kien konxju li ħafna investituri żgħar kienu jibqgħu b'dak li ħadu għaliex kienu jibżgħu jersqu lejn il-Qorti, apparti l-fatt li l-proċedura hija ferm ogħla quddiem il-Qorti.

Meta l-ilmentatur iffirma t-*Terms of Business Agreement* fis-sena 2013, ma kienx qed jirrinunzja għal dan kollu għaliex l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji lanqas biss kien għadu konċepit.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Arbitru qed jiċħad din l-eċċezzjoni u jkompli jikkonsidra l-ilment.

Fir-risposta ma tingħata l-ebda eċċezzjoni dwar preskrizzjoni għalkemm il-provditur jipprova jqajjem din l-eċċezzjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu. Dejjem ġie ritenut mill-qrati tagħna li n-nota ta' osservazzjonijiet qatt ma tista' żżid difiżi ġodda li ma jkunux tqajjmu qabel, f'dan il-każ fir-risposta u dan għandu bażi soda għaliex b'dan il-mod, il-provditur tas-servizz ikun qed joħloq punti

[4] A fol 40 et seq

godda li l-ilmentatur ma kellux l-opportunità li jiddefendi ruhu jew iressaq provi dwarhom.

Dan gie accennat fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] fejn gie ritenut illi:

'*Eccezzjonijiet formali, bhal ma hija l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ma ghandhomx jinghataw f'noti ta' osservazzjonijiet, imma bil-mod formali procedurali. Ghaldaqstant l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li ma tigix moghtija formalment qisha mhijiex quddiem il-Qori, u l-Qorti ma hix tenuta tiddecidiha ghax il-preskrizzjoni ma tistax tigi sollevata mill-Qorti "ex ufficio"'.*

Barra minn hekk, l-Artikolu 19(3)(e) tal-Kap. 555 jaghmilha cara li l-provditur tas-servizz jista' jqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fl-ewwel sottomissjonijiet tieghu quddiem l-Arbitru li jfisser fir-risposta. Jinghad ukoll illi l-Arbitru ma jistax iqajjem din l-eccezzjoni minn jeddu:

'*Izda l-provditur ta' servizzi finanzjarji jista' jqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni biss fl-ewwel sottomissjonijiet bil-miktub li huwa provdut dwarhom fl-artikolu 22(3)(c) sakemm ma jkunx awtorizzat mod iehor mill-Arbitru li ghandu jaghti r-ragunijiet ghal dik l-awtorizzazzjoni:*

*Izda wkoll l-Arbitru ma jkunx intitolat li jqajjem il-kwistjoni tal-preskrizzjoni minn jeddu.'*

Barra minn hekk, ghal kull *buon fini* jinghad li anke r-referenza pjuttost fjakka li saret fin-nota ta' osservazzjonijiet dwar preskrizzjoni, bl-ebda mod ma tressqu provi dwarha mill-provditur tas-servizz li jinkombi fuqu li jippruvaha. Ghalhekk, l-Arbitru bl-ebda mod ma jista' jqis dan il-kaz preskritt.

**Il-Kuntest Guridiku**

Il-provditur tas-servizz jargumenta li l-ilmentatur iffirma diversi dokumenti fosthom it-*Terms of Business Agreement* u u l-*Client Fact Find*.[6]

Il-provditur tas-servizz jghid fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li *"l-ilmentatur kien intelligenti bizzejjed biex jifhem it-Terms of Business u l-Client Fact Find,*

[5] *Emmanuele Busittil vs Francesco Mercieca*, 25/04/1950, XXXIV.i.410. ikkwotata f'TTZ, *Anthony Sciberras vs Dr Chris Said noe,* 7/04/2006
[6]A fol 86

*Dawn iz-zewg dokumenti gew ikkonfermati u ffirmati mill-ilmentatur fil-bidu tar-relazzjoni….”*[7]

L-Arbitru ma jaqbilx li l-ilmentatur seta' jifhem it-*Terms of Business Agreement* ghax dan hu dokument twil u tekniku u, kif xehed, lanqas biss inqara lilu:

*"Qed nigi muri t-Terms of Business Agreement u nghid li dan ma qrawhulix. Jien nghid li ffirmajt id-dokumenti ghalkemm ma fhimthomx ghax qalli dawn procedura u nghid ghalija bhal tal-bank….”*[8]

Barra minn hekk, huwa persuna illitterata.

Dan id-dokument gie mghoddi lilu biex jiffirmah u kien l-obbligu tal-provditur tas-servizz li jaqrahulu u jispjegahulu ghaliex f'dan il-qasam, il-provditur tas-servizz huwa l-espert u jithallas biex jaghti servizz professjonali u onest.

Barra minn hekk, f'dan il-kuntest irid jinghad li r-relazzjoni bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz hija wahda bejn konsumatur u kummercjant u *inter alia* tinkwadra ruhha taht il-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif qalet sew il-Qorti tal-Appell,[9] il-principju ta' *pacta sunt servanda* jrid jinftiehem sew fis-sens li '*di regola, fil-konvenzjonijiet ordinarji l-kontraenti jaslu ghall-formazzjoni taghhom, skont il-principji ta' dik il-libertà u awtonomija, bil-partecipazzjoni ta' trattattivi esprimenti l-volontà negozjali taghhom. Ukoll f'dik il-fazi pre-kontrattwali ghandha parti sinjifikattiva l-bwona fede tal-kontraenti, intiza din bhala dak id-dover li l-partijiet jinformaw lil xulxin b'dawk l-elementi ta' intendiment aktar preciz u ezatt tal-kuntratt li jkun ser isir. Huwa utli li jinghad li f'dan l-istess dover ta' informazzjoni ghandhom ikunu maghrufa u spjegati wkoll kull kawza ta' l-inefficjenza tal-kuntratt jew il-kawzi ta' l-inadempiment tieghu……Huwa dan kollu li, fil-fehma tal-Qorti, jaghti lok ghall-principju pacta sunt servanda. Hekk fl-imghoddi kien sahansitra deciz illi "r-regoli li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-mod li l-ekwità tattribwixxi lill-obbligazzjoni assunta mill-kontraenti m'ghandiex tkun kuntrarja ghar-regola l-ohra illi l-konvenzjoni tal-partijiet ghandha jkollha forza ta' ligi bejniethom". Ara "**Felice Gerada -vs-***

[7] A fol 127
[8] A fol 70
[9] *Raymond Camilleri et vs Touring Mediterraneo Ltd.* 6/10/2010

***Ettore Pace et nomine**", Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Dicembru 1938. Dan, s'intendi, fl-ambitu tad-dixxiplina normattiva taht il-Kodici Civili (Artikolu 992).*

Però, anke kif esprimiet ruhha l-Qorti tal-Appell f'din is-sentenza, il-legizlatur ma halliex ir-relazzjoni ta' bejn konsumatur u kummercjant limitata fil-konfini tal-Kodici Civili u saru zviluppi kemm lokali kif ukoll fuq bazi komunitarja li taw certa protezzjoni lill-konsumatur:

*"Dan premess, huwa konvenjenti li jinghad illi minn dak iz-zmien sal-lum il-legislatur Malti haseb taht l-inkalzar tad-Dritt Komunitarju, ghar-ri-valutazzjoni ta' l-imsemmi principju pacta sunt servanda bl-introduzzjoni ta' normi specjali ghat-tutela tal-konsumatur, in partikolari fejn si tratta ta' kondizzjonijiet standard prefissati mill-kummercjant u li fihom il-konsumatur ma jkunx ippartecipa ghall-formazzjoni jew imposizzjoni taghhom. Multo magis, imbaghad, fejn dawk l-istess kondizzjonijiet ma jkunux kontro-bilancjati kif imiss permezz ta' klawsoli favur il-konsumatur, u jkun jidher apparenti illi jezisti skwilibriju avvers ghall-konsumatur fil-kontrattazjoni mal-kummercjant.*

*Huwa ghal din ir-raguni illi l-legislatur haseb bl-Att ghall-Affarijiet tal-Konsumatur ghall-protezzjoni xierqa fejn fil-kuntratt ikunu jezistu espressjonijiet mhux gusti jew, pjuttost, aktar oneruzi ghall-konsumatur. F'kazijiet bhal dawn il-principju surreferit pacta sunt servanda ghandu l-limitazzjoni tieghu."*[10]

It-*Terms of Business Agreement* huwa *standard form contract* u zgur li ma giex negozjat bejn l-ilmentatur u l-provditur tas-servizz.

It-*Terms of Business Agreement* lanqas biss inqara lill-ilmentatur izda gie mitlub biss biex jiffirmah. Huwa dokument twil u kumplikat, miktub bi kliem tekniku liema dicitura l-ilmentatur odjern ma setax jifhem.

**L-Artikolu 47. (1) tal-Kap. 378 jghid:** *"F'kuntratt li jsir mal-konsumatur, fejn l-espressjonijiet kollha jew x'uhud minnhom li jkunu offruti minn kummercjant lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawk l-espressjonijiet ghandhom jinkitbu b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt ikun indirizzat lejhom*".

[10] *Ibid.*

Dan zgur ma jistax jinghad ghat-*Terms of Business Agreement* imsemmi u d-dicitura fiha innifisha holqot zbilanc kummercjali bejn il-partijiet.

Barra minn hekk, il-Kap. 378 jistabbilixxi wkoll illi:

"*44. (1) Ma jistghux jintuzaw f'kuntratti li jsiru mal-konsumatur espressjonijiet mhux gusti, jew espressjonijiet jew kombinazzjoni ta' espressjonijiet li jkunu mhux gusti f'illi jkollhom bhala skop jew effett xi wiehed mill-iskopijiet u effetti msemmija fis-subartikolu (2), u kull espressjoni pprojbita kif hawn aktar qabel imsemmi li tiddahhal f'xi kuntratt li jsir mal-konsumatur ghandha titqies bhallikieku qatt ma tkun hekk iddahhlet*."

Huwa car minn ezami tat-*Terms of Business Agreement* li hawn *si tratta* ta' kundizzjonijiet li l-ilmentatur ma kellu l-ebda poter kuntrattwali fuqhom u huwa evidenti li fil-maggor parti taghhom anke konsiderati kumplessivament, joholqu skwilibriju u jimponu obbligi oneruzi fuq l-ilmentatur.

Bhala ezempju, l-Arbitru jsemmi l-klawsoli 3.2, 9 u 10, li joholqu dan l-iskwilibriju izda mhux limitat ghalihom.

Ukoll, kumplessivament, it-*Terms of Business Agreement* imur kontra l-Artikolu 45(1)(a)(b)(c)(d) tal-Kap. 378.

L-Artikolu 45(2) jqis ukoll "*kemm parti taf tinnegozja*" u "*jekk in-nuqqas ta' konoxxenza jew sengha tal-konsumatur kinux ta' vantagg mhux dovut kontrih*".

Kien proprju ghalhekk li l-Qorti tal-Appell ziedet tghid li:

'*F'kuntratt fejn il-parti l-wahda hi "kummercjant" li jbiegh oggett jew joffri servizz u l-parti l-ohra hi "konsumatur", skont kif dawn il-kliem huma definiti bl-Att imsemmi, id-dixxiplina normattiva tal-ligi b'dan l-istess Att taffida lill-awtorità gudizzjarja kontroll fuq ix-xorta tal-provvedimenti jew klawsoli appattwiti bejn il-kontraenti in funzjoni ta' l-ineffikacja jew tal-vessatorjetà taghhom. Irid jinghad li kontroll bhal dan, tnehhi certa gurisprudenza dwar "exempting clauses" (ad ezempju "**Robert Borg – vs - Gio Maria Cini et**" Appell*

*Kummercjali, 1 ta' Marzu, 1969) huwa injot fil-Kodici Civili taghna u jidher li l-Att specjali ddahhal appozitament ghal dan il-fini, u dak tat-tutela tal-konsumatur kif konoxxut f'certi direttivi ta' l-Unjoni Ewropea. Importanti ferm li jkun osservat illi fejn l-Artikolu 44 (1) ta' l-Att imsemmi jippreskrivi illi "espressjoni mhix gusta"*

*li tiddaħħal f'kuntratt li jsir mal-konsumatur għandha titqies bħallikieku qatt ma tkun hekk iddaħħlet, dan għandu jinftiehem bħala li dik l-espressjoni għandha titqies ineffikaċi. Tali ineffikaċja mhix kollegata mar-regolarità tal-ftehim iżda mal-produzzjoni ta' l-effetti tiegħu. Lanqas ma hi marbuta mal-volontà tal-partijiet li kkuntrattaw iżda mal-konsegwenza tad-difett oriġinarju ta' l-istipulazzjoni kontrattwali. Forsi, aktar preċiżament, mal-ksur tad-divjet ta' dik l-imġiba abbużiva stabbilita mill-Att għall-ħarsien tal-konsumatur. Si tratta, allura, hawnhekk ta' nullità ta' protezzjoni kostitwenti speċi ta' dak il-ġeneru ta' nullitajiet kuntrattwali minħabba ksur ta' disposizzjonijiet imperattivi tal-liġi......... Opportunament, però, qabel tagħlaq u mingħajr ma taddentra ruħha fil-mertu, din il-Qorti tħoss li għandha tattira l-attenzjoni għall-elenkazzjoni tas-subinċiż (2) ta' l-Artikolu 44 li miegħu hu abbinat ukoll l-Artikolu 45 ta' l-Att. In partikulari, l-ewwel Qorti għandha tistħarreġ jekk f'dak pretiż mill-appellanti dwar ċerti stipulazzjonijiet tal-ftehim jeżistux profili ta' skwilibriju jew ta' pattijiet żbilanċjati u inġusti. M'għandux lanqas f'dan l-eżerċizzju jintilfu di mira ċerti ċirkostanzi partikulari li jkunu eżistew fil-mument tal-kontrattazzjoni. Ad eżempju, il-kondizzjoni ta' inferjorità negozjali u, għaliex le, anke kulturali, tal-konsumatur, il-qagħda soġġettiva li jkun jinsab fiha fil-waqt tal-konklużjoni tal-ftehim – ċerta urġenza li jottjeni s-servizz jew ta' xi stat illitterat tiegħu, jew, ukoll, dak ta' l-affidament li jkun għamel fuq il-kummerċjant. Dawn huma xhud biss mill-elementi li ġudikant, f'każijiet ta' din ix-xorta, jista' jieħu in konsiderazzjoni. L-illustruzzjoni tagħhom hi biss eżemplikattiva u ma jfissirx li l-lista hi eżawstiva. Lanqas, del resto, ma hu hekk eżawrjenti l-elenku fl-Artikolu 44 (2). Ara s-subinċiż (4) ta' l-istess Artikolu 44.'*[11]

Għalhekk, il-klawsoli 3.2, 9 u 10, u kull fejn hemm dan l-iżbilanċ għandhom jitqiesu li ma jorbtux lill-ilmentatur.

Irid jingħad ukoll li dan id-dokument huwa mitbugħ b'ittri żgħar u ma jirriflettix dak li ntqal waqt il-laqgħat li l-ilmentatur kellu mal-*financial advisor* tal-provditur tas-servizz. Fih ħafna aktar minn hekk.

Kif anke rriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-fatt li investitur jiffirma dokumenti li ma jkunx konsapevoli tal-effetti tagħhom m'għandhomx iservu ta'

[11] F. *Advertising Limited vs. Anthony Tabone et", App. Inf., 9 ta' Jannar, 2009*

ezoneru ghal min ikun ikkompona dawk id-dokumenti li hafna drabi jintuzaw biex jezoneraw irwiehhom u jaharbu mill-obbligi taghhom.[12]

Irid jinghad li kull kuntratt li jsir fil-qasam tas-servizzi finanzjarji ghandu jigi interpretat ukoll fil-qafas tar-regoli specjali li japplikaw ghal-*Licenceholders* bhalma hu l-provditur tas-servizz odjern u, fuq kollox, il-principju li *Licenceholder* ghandu jagixxi b'mod fier, onest u professjonali fl-ahjar interess tal-klijent[13] u jilhaq, fost affarijiet ohra, *"l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur."*[14]

Minhabba r-relazzjoni fiducjarja li tezisti bejn investitur u l-provditur ta' servizzi finanzjarji ghandha tirrenja fuq kollox il-*buona fede* u l-provditur tas-servizz ghandu jagixxi bhala missier tajjeb tal-familja.

**Fil-Mertu tal-Kaz**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[15]**

Dan l-Arbitru jrid jaghmlu skont il-provi li tressqu quddiemu. L-ilmentatur bazikament qed jghid li l-provditur tas-servizz meta kien qed isir il-bejgh tal-investiment *de quo* naqas li jara li l-prodott mibjugh lilu kien konsonanti mal-esperjenza u gharfien ghat-tip ta' tranzazzjoni li sehhet, u dan bi ksur tal-i*Standard Licence Conditions* li kienu jorbtu lill-istess provditur tas-servizz.

Kif ukoll, ma gietx moghtija lilu informazzjoni bizzejjed biex ikun jista' jifhem in-natura tar-riskji involuti fl-investiment biex seta' jiehu decizjoni infurmata.

Fit-twegiba[16] tieghu, il-provditur tas-servizz qed jichad l-ilment imressaq mill-ilmentatur a bazi tal-fatt li, primarjament, it-telf sostnut mill-ilmentatur kien kawza ta' *Credit Risk,* li huwa riskju inerenti ta' investiment f'*bonds* li fihom investa l-ilmentatur, liema *bonds* kienu fil-hin meta nghata l-parir lilu, jghoddu jew *suitable* ghalih.

---

[12] *Evelyn Farrugia et vs GlobalCaptial Financial Management Ltd.,* PA, 11/07/2016
[13] *Investment Sevices Rules-Standard Licence Condtions Reg.2.01*
[14] Kap. 555, Art. 19(3)(c)
[15] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[16] A fol 36

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz cahad dak li qed jigi allegat mill-ilmentatur fir-rigward tar-reklami li l-provditur tas-servizz kien qed jaghmel fuq l-RTK fis-sena 2013.

**Ir-Relazzjoni tal-Ilmentatur mal-Provditur tas-Servizz**

Ir-relazzjoni tal-ilmentatur mal-provditur tas-servizz bdiet proprju fis-sena 2013, fiz-zmien meta gie mibjugh l-ewwel investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment. Kif mehtieg, dak iz-zmien imtela *Confidential Client Fact Find for the Suitability Test*[17] datat 31 ta' Jannar 2013, u jindika l-ewwel ammont li l-ilmentatur originarjament investa mal-provditur tas-servizz.

Kemm il-*Client Fact Find* kif ukoll it-*Terms of Business Agreement*[18] jindikaw li l-ilmentatur gie klassifikat bhala *Retail Client* u dan tal-ewwel jindika ukoll li s-servizz moghti lill-ilmentatur mill-provditur tas-servizz kien dak ta' *Investment Advice.* Huwa indikat ukoll li l-ghan tal-ilmentatur wara l-investiment offrut lilu kien dak ta' zieda fid-dhul tieghu – *"What is the purpose of the investment? ... – Maximise Income".*[19]

Barra minn hekk, l-*"investor's attitude towards risk"* giet kategorizzata bhala *Medium/High.*[20]

Hekk kif rifless fil-lista tal-investimenti[21] provduta, li anke hija intitolata bhala *Gain/Loss Analysis*, l-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment kienu l-unici zewg investimenti li l-ilmentatur kellu mal-provditur tas-servizz.

**L-Investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-Ilment**

L-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment huma zewg *bond portfolios* – *BP 147 u BP 180* li kienu jikkonsistu f'erba' *bonds* sottostanti kull wiehed, fosthom ir-*RENA* u ix-*Sholz* li minnhom l-ilmentatur garrab telf mill-kapital investit.

---

[17] A fol. 86
[18] A fol. 40
[19] A fol. 89
[20] *Ibid.*
[21] A fol. 85

***BP 147 – 5.25% EUR High Yield Bond Portfolio 28th April 2016***

Dan huwa portafoll mahluq internament mill-provditur tas-servizz li jikkonsisti f'dawn il-*bonds* sottostanti:

- *7% RENA GmbH: 2010 – 15.12.2015*
  - *Valor: 12096576*
- *7.5% MAG IAS GmbH:2011 – 7.2.16*
  - *Valor: 12343168*
- *7.5% Uniwheels Automotive (Germany) GmbH: 2011 – 19.4.16*
  - *Valor: 12820980*
- *7.375% Valensina GmbH: 2011 – 28.4.16*
  - *Valor: 12834997*

L-ammont investit f'dan il-*bond portfolio* kien jinqasam fi proporzjon ta' 25% ghal kull *bond* sottostanti.

Minhabba li l-prodott jigi kreat mill-kumpanija innifisha, l-investitur ma jkollux sehem fl-ghazla tal-*bonds* sottostanti u, ghaldaqstant, il-prodott ma jvarjax a bazi tal-istrategiji tal-investiment tal-investitur innifsu. Il-*bonds* li jiffurmaw il-*BP 147* huma kollha *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva.

Il-*BP 147* gie mibjugh lill-ilmentatur fl-4 ta' Frar 2013,[22] meta zar il-fergha tal-provditur tas-servizz wara li sema' dwaru fuq ir-radju, u l-ammont investit kien ta' €25,000.

It-telf sostnut minn dan il-portafoll kien rizultat tal-andament negattiv tal-*bond* sottostanti *RENA*.

Ftit xhur biss wara li r-*RENA* gie mibjugh lill-ilmentatur bhala parti mill-*BP 147*, il-*credit rating* tar-*RENA* gie *downgraded* minn BB[23] ghal BB-[24]. Ir-*rating* tar-*RENA*

[22] A fol. 30

[23] BB huwa l-*credit rating* ikkwotat mill-provditur tas-servizz fit-*Term Sheet* (a fol. 97), liema *rating* gie stabbilit f'Awwissu 2012.

[24] http://www.boerse-duesseldorf.de/anleihen/wkn/A1E8W9/news?id=5174548

kien qed jinghata minn agenzija tal-kreditu Germaniza, *Euler Hermes.* Ser ikun qed jigi kkwotat dan ir-*rating* moghti minn *Euler Hermes* peress li kien il-provditur tas-servizz innifsu li ghar-*RENA* ikkwota r-*rating* ta' din l-istess agenzija fit-*Term Sheet*[25] provduta lill-ilmentatur.

Jirrizulta li, minkejja dan id-*downgrade*, l-affarijiet bdew jiehdu xejra negattiva ghall-habta ta' Dicembru 2013. F'dan il-perjodu, ir-*RENA* harget taghrif[26] dwar l-andament fl-ewwel disa' xhur tas-sena 2013, fejn irrizulta li l-andament ma kienx daqstant pozittiv. Rizultat ta' dan, il-*credit rating* rega' gie *downgraded* minn BB- ghal B *negative outlook* u kien anke rifless fil-prezz.

Fis-26 ta' Marzu 2014, il-bord tar-*RENA* habbar li kien qed japplika ghall-falliment. Jidher li wahda mir-ragunijiet ewlenin kienet dik relatata mas-sussidjarja *SH + E*, kumpanija li r-*RENA* kienu akkwistaw fis-sena 2012.

Sussegwentement, ir-*RENA* dahlet f'*self administration.*

Rizultat ta' dan, ir-*RENA* ma kinitx ser thallas il-kupun tal-15 ta' Dicembru 2014, u l-ilmentatur gie infurmat b'dan permezz ta' notifika[27] datata 5 ta' Novembru 2014. Barra minn hekk, l-ilmentatur gie infurmat ukoll li f'dawn ic-cirkostanzi, l-istess *bond* kienet ser titnehha mill-*bond portfolio* u tigi izolata f'pozizzjoni separata fuq il-kont tieghu.

Permezz tal-istess notifika, l-ilmentatur gie infurmat ukoll li kien ser jircievi l-kapital kollu allokat f'*bond* sottostanti ohra, il-*Uniwheels*, wara *early redemption* mill-kumpanija li harget l-istess *bond.*

Rizultat ta' dan kollu, il-*BP 147* inqasam fi tnejn – ir-*RENA* tpoggiet f'pozizzjoni separata fuq il-kont tal-ilmentatur u l-kumplament tal-*bonds* sottostanti, jigifieri l-*MAG* u l-*Valensina*, gew jiffurmaw parti minn *BP 147.1*.

A bazi tal-lista tal-investimenti[28] ipprovduta, l-ammont investit fir-*RENA* kien jammonta ghal €6,249.97. Minhabba n-nuqqas ta' dokumenti pprezentati f'dan ir-rigward, bhal *Confirmation of Purchase,* l-Arbitru jista' biss, f'dan il-kaz, joqghod fuq il-kontenut ta' din il-lista. Izda, jrid jigi osservat li, ghalkemm l-

[25] A fol. 97
[26] http://www.boerse-duesseldorf.de/anleihen/wkn/A1E8W9/news?id=5422170
[27] A fol. 32
[28] A fol. 85

ilmentatur gie infurmat permezz ta' notifika datata 5 ta' Novembru 2014, li r-*RENA* kienet ser titpogga f'pozizzjoni separata fuq il-kont tieghu, il-lista tal-investimenti tindika li d-data kkwotata fuq l-istess lista, jigifieri dik tat-8 ta' Frar 2016, hija l-*opening date*. Ma giet ipprezentata l-ebda dokumentazzjoni jew tal-inqas spjegazzjoni ghal din id-diskrepanza f'dawn il-perjodi.

Fil-formola tal-ilmenti,[29] l-ilmentatur sahaq li mir-*RENA* garrab telf ta' €6,250. Izda, minkejja li l-ilmentatur m'ghamel l-ebda referenza ghal dan fl-ilment tieghu, bhala parti mill-procedura ta' insolvenza addottata fil-kaz tar-*RENA*, l-ilmentatur ircieva l-ammont inizjali ta' €286.47, liema ammont hu rifless fil-lista tal-investimenti, u anke msemmi fil-protest gudizzjarju[30] imressaq mill-ilmentatur innifsu kontra l-provditur tas-servizz.

***BP 180 – 5.25% EUR Bond Portfolio 10 July 2017 II***

Dan ukoll huwa portafoll kreat internament mill-provditur tas-servizz li jikkonsisti f'dawn il-*bonds* sottostanti:

- *8.5% Scholz AG – 08.03.2017*
- *7% FIAT Finance & Trade Ltd SA – 23.03.2017*
- *4.375% Republic of Hungary – 04.07.2017*
- *5.5% Zagrebacki Holding – 10.07.2017*

Bhall-*bond portfolio* precedenti, minhabba li l-prodott gie kreat mill-kumpanija innifisha, l-investitur ma kellux sehem fl-ghazla tal-*bonds* sottostanti.

A bazi tat-*Term Sheet*[31] ipprovduta, l-allokazzjoni tal-ammont investit kienet ta' 40% fix-*Scholz* u l-*Fiat Finance,* filwaqt li r-*Republic of Hungary* u z-*Zagrebacki* gew allokati 10% ghal kull *bond*. Bhall-*BP 147*, il-*bonds* li jiffurmaw il-*BP 180* huma kollha *bonds non-investment grade* u ta' natura spekulattiva.

---
[29] A fol. 8
[30] A fol. 14
[31] A fol. 102

Il-*BP 180* gie mibjugh lill-ilmentatur fil-11 ta' Lulju 2013,[32] u giet investita s-somma ta' €10,000.

It-telf sostnut minn dan il-portafoll kien rizultat tal-andament negattiv tal-*bond* sottostanti *Scholz*. L-operat u l-finanzi ta' *Scholz AG*, il-kumpanija li harget il-*bond*, kien qed jigi ukoll analizzat minn *Euler Hermes* li, eventwalment, gew riflessa fi *credit rating*. Kuntrarjament ghar-*RENA*, fil-kaz tax-*Scholz*, l-agenzija ta' kreditu kienet qed tippubblika il-*credit rating* ta' *Scholz AG* u mhux il-*credit rating* tal-*bond* innifisha. Tul din l-analizi, ser ikun qed jigi kwotat dan ir-*rating*, peress li kien il-provditur tas-servizz innifsu li, ghax-*Scholz*, ikkwota r-*rating* ta' din l-istess agenzija fit-*Term Sheet*[33] provduta lill-ilmentatur.

Meta x-*Scholz* gie mibjugh lill-ilmentatur bhala parti mill-*BP 180*, *Scholz AG* kellha *credit rating* ta' BB-,[34] wara *downgrade* f'Mejju 2013. Ftit wara dan il-bejgh, precizament fl-1 t'Awwissu 2013, l-*outlook* tar-*rating* inbidel minn *"stable"* ghal *"Watchlist negative",*[35] minhabba l-possibilità li jinzel iktar kif fil-fatt gara fid-19 t'Awwissu 2013, meta r-*rating* gie *downgraded* ghal B.[36]

Minn meta giet mahruga il-*bond* in kwistjoni, ghalkemm kien hemm tibdil pozittiv fl-*outlook* tar-*rating* tal-kumpanija, mhux l-istess jista' jinghad ghar-*rating* innifsu, u dan peress li kien hemm biss *downgrades*.

Jidher li, sentejn wara l-bejgh tax-*Scholz* lill-ilmentatur, ix-*Scholz* inharget f'pozizzjoni separata fuq il-kont tieghu. Dan irrizulta mil-lista tal-investimenti provduta,[37] kif ukoll minn *Confirmation of Purchase*[38] fir-rigward tax-*Scholz* biss li turi l-ammont nominali ta' 3,944.6620 ghall-prezz ta' 101.40% ghal kull *unit*.

Bl-istess data, dik tal-10 ta' Lulju 2015, giet mahruga ukoll *Confirmation of Sale*[39] li turi l-bejgh tal-*BP 180* ghall-ammont totali investit ta' €10,000. Izda, jrid jinghad li, ghalkemm it-*Term Sheet*[40] tindika li l-*BP 180* jikkonsisti f'erba' *bonds* sottostanti (*Scholz*, *Fiat Finance*, *Republic of Hungary,* u *Zagrebacki Holding*), din

[32] Minhabba li l-*Confirmation of Purchase* ma gietx prezentata, qed tigi ikkunsidrata d-data tat-*Transaction Order* (a fol. 93) u tal-*Client Review Form* (a fol. 95).
[33] A fol. 102
[34] Il-*credit rating* hekk kif kwotat fit-Term Sheet (a fol. 102) prezentata lill-ilmentatur.
[35] https://ehrg.de/ver/ratings/en/Scholz_20130801.pdf
[36] https://ehrg.de/ver/ratings/en/Scholz_2013.pdf
[37] A fol. 85
[38] A fol. 29
[39] A fol. 27
[40] A fol. 102

il-*Confirmation of Sale* turi biss tliet *bonds* sottostanti (*Scholz*, *Fiat Finance,* u *Zagrebacki Holding*), li l-ammont nominali taghhom jammonta biss ghal €8,774.74.

Wara dan il-bejgh, u wara li x-*Scholz* inharget f'pozizzjoni separata, il-kumplament tal-portafoll gie msejjah *BP 180.1* u giet mahruga *Confirmation of Purchase*[41] li tirrifletti dan. L-istess bhall-*Confirmation of Sale,*[42] dan id-dokument jinkludi biss zewg *bonds* sottostanti li ghalkemm it-total investit jammonta ghal €6,000, l-ammont nominali investit huwa biss ta' €4,831.10. Apparti fit-*Term Sheet,*[43] il-*bond Republic of Hungary* ma giet riflessa fl-ebda dokument sottomess.

Ghalkemm ma gewipprezentati l-ebda dokumenti ohrajn, a bazi tal-lista tal-investimenti, ix-*Scholz* gie mibjugh fit-22 ta' Settembru 2016, u l-ammont li rcieva l-ilmentatur kien ta' €407.40, li ghalhekk jirrizulta f'telf ta' €3,592.60.[44]

**Il-Mod kif gie mibjugh l-Investiment**

Kif digà saret referenza aktar kmieni, l-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment kienu l-unici zewg investimenti li l-ilmentatur kellu mal-provditur tas-servizz. Barra minn hekk, dawn iz-zewg investimenti gew mibjugha ftit xhur biss 'il boghod minn xulxin.

Fix-xhieda tieghu, l-ilmentatur sahaq li:

*"Ghidtlu li mal-Banif kelli u mal-BOV. Mal-Banif kelli investiment, bit-3% xi self, u tal-BOV kelli tal-Vilhena li ghadhom hemm."*[45]

Izda, ghalkemm il-provditur tas-servizz nizzel fil-*Client Fact Find*[46] li l-ilmentatur hu familjari ma' *bonds*, fl-istess *Fact Find,* taht is-sezzjoni *Summary of Assets – Financial Instruments (e.g. Government Bonds/Corporate Bonds/Equities/ CISs/Complex Instruments etc.),* m'hemm l-ebda informazzjoni f'dan ir-rigward, u fuq kollox hija notata bhala *N/A.*[47]

---

[41] A fol. 28
[42] A fol. 27
[43] A fol. 102
[44] €4,000 - €407.40 = €3,592.60
[45] A fol. 69
[46] A fol. 86
[47] A fol. 88

Minkejja dan, il-profil tar-riskju tal-ilmentatur, xorta gie kklassifikat mill-provditur tas-servizz bhala *Medium/High*. Il-provditur tas-servizz naqas milli jgib prova f'dan ir-rigward, u dan minbarra l-fatt li lanqas giet ipprezentata l-ebda prova fir-rigward ta' dak li ntqal mir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz fl-*affidavit* tieghu meta xehed:

*"Nikkonferma li meta nghata l-parir fuq il-prodotti msemmija, dawn kienu jikkumplimentaw mal-profile tar-riskju tal-klijent..."*[48]

Kien ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz innifsu li kkonferma li l-ilmentatur gie kklassifikat ghal riskju medju/gholi wara li:

*"Irrizulta li l-klijent kien ta' certu portata meta wiehed jikkunsidra l-assi li kellu fil-proprjetà u f'kontijiet bankarji."*[49]

Barra minn hekk, fil-kontroezami tieghu, ir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz sahaq li wasal ghall-konkluzjoni li l-ilmentatur kellu riskju bejn medju u gholi,

*"... wara li spjegajt lill-klijent u t-tip ta' riskju li ried il-klijent u li hu kien komdu bir-riskju li kien ser jiehu",*[50]

izda, fl-ebda hin ma semma l-ispjegazzjoni relatata mar-riskju li kien ta lill-ilmentatur. Fl-*affidavit*[51] tieghu, ir-rapprezentant semma biss x'kienet in-norma li jsir u mhux x'attwalment sar fir-rigward ta' spjegazzjoni tar-riskju lill-ilmentatur.

Dan kollu juri li din il-klassifikazzjoni tal-ilmentatur bhala *Medium/High* kienet wahda bla bazi soda, anzi gratuwita u saret hekk biex iggib lill-ilmentatur jaqbel mar-riskji li kien fihom l-investimenti, milli ghaliex verament ir-riskju li ried jiehu kien *Medium/High.* Kienet biss klassifikazzjoni li takkomoda lill-provditur tas-servizz.

---

[48] A fol. 83 u 84
[49] A fol. 83
[50] A fol. 110
[51] A fol. 83

**Konsiderazzjonijiet Ohra u Konkluzjonijiet Finali**

Il-punt krucjali imressaq f'dan l-ilment jittratta l-fatt li l-ilmentatur garrab telf mill-kapital investit kawza tan-nuqqas tal-provditur tas-servizz mill jaghmel il-verifiki necessarji sabiex jidentifika jekk hu ghandux esperjenza u gharfien tat-tip ta' tranzazzjoni li kien ser jaghmel.

L-ilmentatur sahaq li l-provditur tas-servizz naqas milli partikolarment jonora l-obbligi tieghu skont l-i*Standard Licence Conditions*[52] 2.16 u 2.22 li kienu japplikaw ghall-provditur tas-servizz dak iz-zmien bhala *Licenceholder* tal-*MFSA.*

*Standard Licence Condition 2.16* hija dwar *Assessment of Suitability* u tishaq li l-provditur tas-servizz li jkun qed jaghti parir finanzjarju huwa obbligat li jikseb taghrif necessarju minghand klijenti prospettivi biex ikun jista' jifhem fatti essenzjali dwar il-klijent u li jkollu bazi ragjonevoli biex jemmen li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa tliet kriterji: (1) li tilhaq l-objettiv tal-investiment tal-klijenti, (2) li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-objettiv tal-investiment tieghu; u (3) li hija tali l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jikkonsidra dawn it-tliet kriterji.

Huwa car li l-objettiv tal-ilmentatur kien li jzid id-dhul tieghu, u dan johrog fid-deher kemm mill-kontenut tal-*Client Fact Find*[53] kif ukoll ikkonfermat fix-xhieda tieghu, meta qal:

"*Nghid li meta smajt ir-reklam ridt ninvesti ma' Crystal Finance biex indahhal xi haga aktar fil-but,"*[54] u "*nixtieq inzid ftit dhul mal-pensjoni."*[55]

Ghalhekk l-objettiv tieghu kien li jinvesti f'investimenti bl-inqas riskju possibbli.

Fil-fatt, jghid li kien inghata garanzija li l-kapital ikun garantit u jekk ihallihom sal-ahhar kien ser jiehu flusu lura.[56]

[52] *Investment Services Rules for Investment Providers: Part B, Standard Licence Conditions (SLC)*
[53] A fol. 89
[54] A fol 70
[55] *Ibid.*
[56] *Ibid.*

Dan il-kriterju ma giex milhuq ghaliex l-investimenti li gie mibjugh kienu kollha *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva

Apparti l-objettiv tal-investiment, aspett iehor li kellu jigi ikkonsidrat mill-provditur tas-servizz kien jekk l-ilmentatur kienx jiflah finanzjarjament ghar-riskji relatati mal-investiment, jigifieri l-*financial bearability*.

Mill-*Client Fact Find*[57] jirrizulta li l-ilmentatur kellu assi bizzejjed biex jissodisfa dan il-kriterju.

Izda, minkejja dan kollu, sabiex ikun onora l-obbligi tieghu bhala parti mill-*Assessment of Suitability*, **il-provditur tas-servizz kellu fuq kollox jara li l-ilmentatur ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjonijiet tal-investimenti offruti lilu.**

L-ilmentatur sahaq li hu ma kienx konxju tar-riskju tal-investimenti li huwa ghamel u li hu ma jifhimx *"... f'dawn l-affarijiet ta' flejjes"*[58] u, ghalkemm stqarr li r-rapprezentant tal-provditur tas-servizz semmielu xi ismijiet ta' kumpaniji, hu insista li ma seta' jifhem xejn ghax kienet l-ewwel darba li kien qed jinvesti f'dan il-qasam.

Kif digà saret referenza aktar kmieni, l-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment, kienu zewg *bond portfolios* kreati mill-kumpanija innifisha u, ghalhekk, ma jvarjawx a bazi tal-istrategiji tal-investiment tal-investitur innifsu. Barra minn hekk, l-investitur ma kellux sehem fl-ghazla tal-*bonds* sottostanti.

Iz-zewg *bond portfolios* offruti lill-ilmentatur kienu jikkonsistu f'*bonds* sottostanti li huma kollha *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva. Dan ifisser li kienu ta' riskju ta' natura *medium/high*, kif inhu anke ikkonfermat fil-*Client Review Form*[59] rispettivi.

Però, din il-klassifikazzjoni ma kinetx wahda li tirrapprezenta l-verità izda wahda ta' konvenjenza ghall-provditur tas-servizz biex ikun jista' jbieghlu dawn il-prodotti.

[57] A fol. 89
[58] A fol. 70
[59] A fol. 94 u a fol. 95

Ghaldaqstant, *bond portfolios* bhalma gew offruti lill-ilmentatur ma kellhomx jigu offruti lil investitur li ma kellux qabel *bonds* jew investimenti ta' din il-kwalità.

Huwa car li l-profil tar-riskju tal-ilmentatur gie kklassifikat bhala *medium/high* a bazi tal-assi li hu ghandu u tal-kontijiet bankarji tieghu. Izda, ghalkemm l-ilmentatur, hekk kif dikjarat fil-*Client Fact Find*, kien involut fil-*business* tal-kostruzzjoni, ma jfissirx li kellu t-taghrif necessarju u kien konxju tal-mod kif jahdmu investimenti tat-tip offruti lilu.

Irid jinghad ukoll li l-*bond portfolios* in kwistjoni kienu l-unici zewg investimenti li l-ilmentatur ghamel mal-provditur tas-servizz, u l-provditur tas-servizz ma gab l-ebda prova li turi li l-ilmentatur kellu t-taghrif u l-esperjenza necessarja f'dawn it-tip ta' investimenti biex dawn il-prodotti setghu jigu offruti lilu.

L-*iStandard Licence Condition 2.16* tindika bic-car li meta jinghata parir ta' investiment mill-provditur tas-servizz kellhom jigu sodisfatti t-tliet kriterji inkluzi f'din ir-Regola u mhux sempliciment xi wahda minnhom.

Kieku sar *suitability assessment* adegwat mill-provditur tas-servizz, kien jirrizulta li l-ilmentatur ma ssodisfax dawn it-tliet kriterji fit-totalità taghhom u, ghalhekk l-investimenti li dwarhom qed jitressaq dan l-ilment ma kellhomx jigu offruti lilu.

B'hekk ukoll dan l-investiment ma kienx jilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-ilmentatur fiz-zmien li kien qed isir l-investiment.[60]

Irid jinghad ukoll li l-klassifikazzjoni tar-riskju tal-ilmentatur li saret biex iggibu jaqbel mal-investimenti *de quo* tmur lil hinn mill-*buona fede* li hija l-bazi ta' kull kuntratt.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz ma osservax ir-regola bazika u ewlenija li kienet torbtu dak iz-zmien, jigifieri:

*"When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients".*[61]

---

[60] Kap. 555, Art.19(3)(c)
[61] *SLC 2.01*

Irid jinghad li mad-dhul fis-sehh tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn ir-Regoli mahruga mill-*MFSA* ma baqghux biss normi ta' natura regolatorja ghal skop ta' licenzja izda saru fonti normattiv importanti ghall-Arbitru biex, flimkien ma' normi u ligijijiet ohra relevanti, jkun jista' jasal ghal dak li hu jifhem li hu gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jkollu quddiemu.[62]

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz u qed jilqghu sakemm huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Rimedju Kumpensattiv**

Minhabba l-fatt li sar bejgh hazin tal-investiment, l-ilmentatur ghandu jitpogga fil-pozizzjoni finanzjarja li kien fiha qabel sar l-investiment.

Minkejja li l-ammont totali investit kien ta' €35,000,[63] l-Arbitru f'dan il-kaz ma jistax jaghti lura l-kapital kollu investit ghaliex l-ilmentatur digà inghata lura xi hlasijiet kif ser jinghad. Ghalhekk mill-ammont ta' kapital investit, ghandu jigi imnaqqas id-dhul li l-ilmentatur kellu mill-istess investimenti.

Minhabba nuqqas ta' dokument provduti, l-Arbitru ser ikun qed jikkonsidra u jahdem il-kumpens a bazi tal-kontenut tal-lista tal-investimenti,[64] liema kontenut ma gie fl-ebda hin ikkontestat mill-ilmentatur.

Minn din il-lista irrizulta li mill-bejgh tal-*BP 147.1,* l-ilmentatur ircieva l-kapital kollu investit li kien jammonta ghal €12,500, filwaqt li mill-bejgh tal-*BP 180.1*, l-ilmentatur ircieva s-somma ta'€6,037.91.

Dhul iehor li l-ilmentatur kellu kien il-porzjon tal-kapital investit fil-*Uniwheels – bond* sottostanti li kienet tifforma parti mill-*BP 147* li giet mifdija qabel id-data tal-maturità. L-ammont li rcieva l-ilmentatur kien ta' €6,249.97.

Tul il-perjodu li dam investit f'dawn iz-zewg *bond portfolios*, l-ilmentatur ircieva total ta' €3,747.32 f'kupuni - €2,604.76 mill-investiment fil-*BP 147* (inkluz dawk mill-*BP 147.1* u l-*Uniwheels*), u €1,142.56 mill-investiment fil-*BP 180* (li jinkludi ukoll il-*BP 180.1*).

[62] Kap. 555, Art 19(3)(c)
[63] €25,000 investiti fil-*BP 147* u €10,000 investiti fil-*BP 180.*
[64] A fol. 85

Barra minn hekk, mill-bejgh tax-*Scholz*, l-ilmentatur ircieva s-somma ta' €407.40, filwaqt li mid-distribuzzjoni inizjali tar-*RENA*, l-ilmentatur kien intitolat ghal €286.47.

Rizultat ta' dan, mill-€35,000 kapital investit, ghandu jigi imnaqqas l-ammont ta' €29,229.07,[65] kif spjegat u, ghalhekk, jirrizulta **kumpens ta' €5,770.93.**[66]

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Crystal Finance Investment Services Ltd*. thallas lill-ilmentatur is-somma ta' hamest elef, seba' mija u sebghin ewro u tlieta u disghin centezmu (€5,770.93).**

**Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez tal-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[65] €12,500 (*BP 147.1*) + €6,037.91 (*BP 180.1*) + €6,249.97 (*Uniwheels*) + €3,747.32 (kupuni) + €407.40 (*Scholz*) + €286.47 (*RENA*) = €29,229.07

[66] €35,000 - €29,229.07 = €5,770.93